Dok 55

# 'Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija'

## 'Independent Police Complaints Board'

RAPPORT ANNWALI TA' ĦIDMA GĦAS-SENA 2019

1ta' Jannar – 31 ta'Diċembru 2019

Bl-Introduzzjoni tal-Att XVIII tat-12 ta' Mejju 2017 daħlet fis-seħħ liġi ġdida dwar il-Pulizija, li fost ħwejjeġ oħra waqqfet dan il-**'Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija'**. (ara notifika fil-'Gazzetta tal-Gvern')

Bis-saħħa ta' dan l-Att il-Parlament abroga il-Kapitlu 164 li kien fis-seħħ sa dik id-data u minfloku daħħal Att ġdid dwar il-Pulizija; ma saret ebda riferenza għall-Bord tal-Pulizija li kien jeżisti skond il-Kapitlu 164 preċedenti li ma ssemmiex iżjed, iżda ġie mwaqqaf Bord ġdid bl-isem **"Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija";** fost il-kompiti ta' dan il-Board ġdid, insibu ħafna minn dawk li qabel kienu fil-kompetenza tal-"Bord tal-Pulizija" preċedenti; iżda barra minn dawn ġie senjatament imdaħħal is-sub-artiklu (h) tal-artiklu 36 li għamel bidla sostanzjali fin-natura u fil-funzjonijiet ta' dan il-Bord, peress li issa ngħata il-mansjoni ta' Bord ta' Appell, bil-konsegwenzi li dawn id-deċizjonijiet iġibu magħhom.

Il-'Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija' huwa kompost minn *Chairman* u żewġ membri li jistgħu jitneħħew fuq il-parir tal-Onorevoli Ministru mingħajr il-ħtieġa ta' Riżoluzzjoni Parlamentari. Iż-żmien ta' kemm il-membri jdumu fil-kariga, hu ta' tlett snin. Il-Bord għandu **Segretarju** u persuna oħra imsejħa **'staff amministrativ', li qabel it-tibdil fil-liġi kienu jiffurmaw parti mill-Bord bħala membri.** Il-fatt li hemm biss Chairman u żewġ membri - numru żgħir - jagħmilha diffiċli sabiex wieħed jistabbilixi quorum.

Il-Bord Independenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija għandu fost dmirijiet ohra, dak li jindaga u li jirrapporta fuq kull każ li jkun ġie mressaq

quddiemu u kull opinjoni li jagħti hi essenzjalment konsultattiva; jekk ikun għamel xi rakkomandazzjoni, din tistgħa tiġi implimentata mill-Kummissarju jew ma tiġix; din hi l-pożizzjoni fil-każijiet li kienu jixbħu lil dawk li l-'Bord tal-Pulizija' sema' għal aktar minn ħmistax-il sena.

Minn barra dawk il-funzjonijiet li jixbħu dak li kien isir qabel, l-Att il-ġdid introduċa wkoll funzjoni ta' appell mid-deċiżjonijiet meħuda mill-'Bord ta' Dixxiplina tal-Korp'. Il-Bord għand jkun magħrraf bil-quddiem bil-każijiet ta' dixxiplina li jkunu quddiem l-'Internal Affairs Unit' tal-Pulizija,u jiġi wkoll informat bid-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu.Hawn irid jiġi magħdud li bħal kull deċiżjoni li ġġib sanzjonijiet, dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jiġu mistħarġa minn awtoritajiet superjuri skond il-liġi. Jirriżulta li l-Korp diġa qed jibgħat din l-informazzjoni; kif ukoll dwar l-obbligu li jinforma lill-Bord b'dak li jkun ġara mill-investigazzjoni dwar dawn l-ilmenti.

Il-laqgħat tal-Bord jinżammu fl-Ufficcju tiegħu f'Nru. **194/2 Triq il-Merkanti l-Belt, Valletta** u l-Bord jirċievi l-ittri (jew l-Ilmenti) kemm f'dan il-post, jew bl-idejn jew kif ukoll fl-indirizz postali tiegħu **f'Kaxxa Postali 202 Triq Sir Adrian Dingli Sliema SLD1000.**
Meta tinħass il-ħtieġa li jiġu ċċarati ċerti dettalji importanti jew ċirkostanzi li jgħinu fl-evalwazzjoni ta' każ, il-membri anki jmorru *on site* u jekk ikun meħtieg jittieħdu ritratti, ħalli l-każ ikun aktar spjegat.

Minħabba dan it-twessiegħ tal-funzjonijiet tal-Bord, l-Att ħaseb biex jipprovdi li l-Bord għandu jkun assistit minn Uffiċċju Legali u l-*personel* amministrattiv meħtieġ; jidher li għadhom għaddejjin il-proċeduri meħtieġa għall-impieg ta' dan l-istaff u għalkemm għadda hafna zmien, dawn l-ufficjali mehtiega ghadhom ma gewx appuntati.

Il-Bord jinnota li matul din is-sena saru diversi laqgħat mal-Ministeru u dawn servew sabiex sar xi emendi fil-ligi biex jiġu irranġati ċerti lakuni li kienu ta' importanza għall-amministrazzjoni tal-Bord, imma fadal mizuri ohra li iridu jittiehdu.

Il-Bord jifhem li fid-dawl tar-rakkomandazzjinijiet tal-kummissjoni Greco li jidher li qed jigu implimentati mill-Amministrazzjoni, iridu isiru emendi ohra fil-legislazzjoni bl-iskop li dan il-Bord ikun jista' jimxi bl-attivita' tieghu

## PROĊEDURA BIEX JINFETAĦ KAŻ

Biex ċittadin iressaq ilment quddiem il-Bord irid dejjem jagħmel dan bil-kitba, u m'hemm l-ebda diffikulta li ser jidħol f'xi spejjes għaliex sempliċi ittra tkun biżżejjed. Mill-esperjenza tal-passat, wieħed jinnota li quddiem il-Bord jaslu kwereli minn kull kategorija ta' ċittadini Maltin u anke residenti barranin, fosthom professjonisti, turisti, studenti u membri tal-Korp. Ħafna drabi, għal min iressaq ilment, li fih irid ikollu nteress personali, jkun biżżejjed, u ta' sodisfazzjon għalih li huwa jirċievi apoloġija, u/jew jingħata xi forma ta' kumpens xieraq jew jittieħdu passi dixxiplinari kontra xi membru tal-Korp li jkun involut fin-nuqqas.

Il-'Bord Independenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija', jirċievi wkoll ilmenti mingħand l-awtoritajiet kompetenti fosthom, Il-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll L-Onorevoli Ministru u dawn iwasslu għall-investigazzjonijiet li jistgħu jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Ninnotaw li matul din is-sena saru numru ta' investigazzjonijiet mill-Bord li l-bidu tagħhom kien minn domandi prlamentarji.

## KOMPOŻIZZJONI:

Permezz ta' notifika fil-'Gazzetta tal-Gvern' numru 19787 paġna 5873 tas-26 ta' Mejju 2017 il-President ta' Malta approvat il-ħatra tal-Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija skont l-Artikolu 35 tal-Att dwar il-Pulizija (Kap 164), għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mit-12 ta' Mejju, 2017.

**Il-Bord jinsab kompost kif jidher hawn taħt:**

### Chairperson:
L-Onor. Imħallef Dr Franco Depasquale, K.C.S.G., B.A., LL.D.

### Membri:
Dr Deandra Schembri LL.D
Dr David Farrugia Sacco B.A. (Leg. & Hum.), M.A. (Fin. Serv.), LL.D.

### Segretarju:
E. T. Is-Sur John Spiteri M.Ed. Admin. & Man.

### Staff Amministrattiv:
Is-Sinjura Marica Caruana Smith.

In-numru ta' każijiet ġodda li l-Bord irċieva matul is-sena 2019 kien ta' 12.

In-numru ta' każijiet / inkjesti magħluqa mill-Bord matul is-sena 2019 kien ta'16.

In-numru ta' laqgħat li saru mill-*'Bord Independenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija'* bejn Jannar u Diċembru 2019, kien ta' 21 laqgħa.

**KONKLUŻJONI:**

Il-Bord jifhem u jiffaċċja d-difikultajiet li d-dispożizzjonijiet u l-bdil sostanzjali li ġab miegħu d-dħul fis-seħħ ta' l-Artiklu 35 tal-Att dwar il-Pulizija (Kap 164); qiegħed jagħmel l-almu kollu tiegħu sabiex jisma' u jiddeċiedi ukoll każijiet li kienu għadhom pendenti quddiem il-**'Bord tal-Pulizija'**; ghal zmien twil, dan il-Bord ma kellu ebda access ghal files u dak kollu li kien sar mill-Bord precedenti, u ghalhekk seta' biss jittratta dak li kien tressaq quddiemu min meta gie imaqqaf. Il-Bord jittama li fil-futur qarib jkun jista' jkompli jaqdi d-doveri tiegħu skond il-liġi u ikun dejjem ta' servizz akbar għall-pubbliku.

(iffirmat u approvat )

John Spiteri

**L-Ono. Imħallef**
**Dr F. Depasquale K.C.S.G., B.A., LL.D.**

**Chairperson**

**L-E. T.**
**Is-Sur J. Spiteri M.Ed. Admin. & Man.**

**Segretarju**

Illum: 20 ta' April 2020